MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 12/2007

**Angelo Mifsud**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ Novembru, 2007, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “L-Arbitru.
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tal-24 ta' Lulju 2003.
>
> Ra l-ittra ta’ l-appell bla data u li waslet f’dan l-ufficju fid-19 ta' Awissu 2005.

Ra r-risposta ta’ l-appell tad-Direttur datata 24 ta' Novembru 2005.

Ra n-nota responsiva ta’ l-appellant tat-2 ta' Jannar 2006.

Ra x-xhieda ta’ l-appellant.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra:

Illi fl-ewwel lok l-Arbitru jinnota illi l-appellant appella mid-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali izjed minn sentejn wara li harget tali decizjoni u ma jidhru l-ebda cirkostanzi ghalfejn l-appellant dam daqshekk sabiex jinterponi appell daqshekk tardivament.

Illi fil-mertu jigi rilevat illi l-Pensjoni ghall-lnvalidita' tithallas biss f’cirkostanzi meta persuna jigi dikjarat li huwa inkapaci li jaghmel kwalsiasi xoghol kemm bi qliegh u kemm minghajr qliegh. Jigi rilevat ukoll illi persuna li tippercepixxi tali pensjoni tkun inkapaci taghmel xoghol kemm full-time, kemm part-time, kif ukoll xoghol ta' self-employed.

Illi fl-applikazzjoni li persuna tkun imliet u anke ffirmat sabiex tircievi l-Pensjoni ghall-lnvalidita' hemm imnizzel car taht il-paragrafu 'E' intitolata "DIKJARAZZJONI" il-kliem:-

*"E. DIKJARAZZJONI*
*Jiena hawn taht iffirmat/a, napplika ghal Pensjoni ghal Invalidita' u niddikjara li jien permanentement inkapaci ghal kull xorta ta' xoghol. Niddikjara ukoll li, sa fejn naf, kull ma ktibt fuq din il-formola huwa veru.*

*Nobbliga ruhi li ninforma lid-Dipartiment jekk nerga' nibda nahdem inkella jien jew *marti/zewgi nigu fil-pussess ta' licenzja, biex*

*immexxu kummerc jew negozju, mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.*

*Naf li jekk nerga' nibda nahdem inkella jien *marti/zewgi nigu fil-pussess ta' licenzja meta nkun qed nircievi pensjoni tas-Sigurta' Socjali jkolli nirrifondi l-beneficcju kollu li ghalih ma jkollix dritt."*

Illi mill-provi kollha li ngabru jidher car illi l-appellant fl-ebda hin u mument ma informa lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali illi huwa kien beda jaghmel xi xoghol kwalsiasi. Il-fatt illi l-appellant avza lil ETC li kien beda jahdem, bl-ebda mod ma jinkombi fuq id-Direttur tas-Sigurta' Socjali illi jaghmel verifiki sabiex jara jekk l-appellant kienx qed jahdem jew le, ghaliex dan kieku jfisser illi d-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jkollu jiccekkja kontinwament ma' dipartiment iehor eluf ta' kazijiet simili sabiex jara min qieghed jahdem u min le.
Illi l-appellant sabiex jircievi l-pensjoni in kwistjoni, mela formola u ghamel id-dikjarazzjoni fuq imsemmija lid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali u jinkombi fuqu biss li javza lid-dipartiment koncernat jekk inbiddlu c-cirkostanzi tieghu maz-zmien. Tant hu hekk illi fl-applikazzjoni minnu mimlija, huwa stess jiffirma illi qed jobbliga ruhu li jinforma lid-dipartiment b'xi tibdil fic-cirkostanzi tieghu.

Illi ghalhekk is-sottomissjoni maghmula mill-appellant, fis-sens illi d-Direttur tas-Sigurta' Socjali kellu access ghar-records tal-ETC, m'hiex wahda valida u n-nuqqas li jinforma lid-dipartiment huwa nuqqas tieghu biss u ta' dan l-appellant bilfors ikollu jbati l-konsegwenzi.

Illi fl-ahharnett l-eccezzjoni sollevata mill-appellant fir-rigward tal-Artikolu 102 ta' l-Att, jinghad illi f'dan il-kaz l-Artikolu 102 (1) (ii) ma japplikax, izda japplika l-Artikolu 102 (1) (i).

> Ghal dawn il-motivi d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali hija wahda gusta u timmerita konferma u dan l-appell qed jigi michud.**”**

Ir-rikorrent Angelo Mifsud appella minn din id-decizjoni ta’ l-Arbitru billi ppremetta bl-ewwel ilment illi la kien avza lill-ETC bil-kontribut li kien qed jaghti lil certi Bordijiet jew Koperattivi, din il-komunikazzjoni kellha tiswa wkoll *di fronte* ghad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, anke ghax dan ghandu access ghar-*records* ta’ l-ETC.  F’kull kaz, skond l-appellanti, il-verifika tal-hlas zejjed, ghal liema kien qed isir reklam mill-appellat, kellha tkun abbinata mad-determinazzjoni tal-perijodu ta’ zmien li fih, allegatament, hu kien qed jaghmel xi xoghol.  Finalment, jissottometti illi d-decizjoni appellata hi zbaljata fir-rigward ta’ dak dettat fl-Artikolu 102 tal-Kapitolu 318;

Qabel kull konsiderazzjoni ta’ l-ilmenti suesposti, din il-Qorti jidhrilha li ghandha taghmel dawn iz-zewg osservazzjonijiet:-

(1) B’mod generali, l-osservazzjoni illi l-fond tal-finanzjament, permezz tal-kontribuzzjonijiet, tal-forom pensjonistici u tal-beneficcji varji deskritti fl-Att dwar is-Sigurta`
Socjali hu mahsub li jservi, skond l-istess ghan bazilari tieghu, biex jassisti lil min ikun tassew intitolat ghal xi wahda mill-pensjonijiet jew beneficcji fl-istess Att traccjati. Dan l-intitolament irid ikun jippre-ezisti ghal mument tat-talba u jrid jibqa’ jippersisti fid-durata shiha tar-recezzjoni ta’ dik il-pensjoni jew beneficcju.  Tassumi ghalhekk importanza ferm qawwija l-htiega ta’ dak id-dmir obbligatorju li jinforma lill-enti previdenzjali b’kull tibdil fic-cirkostanzi ekonomici u finanzjarji tieghu;

(2) B’mod partikulari, trattasi hawnhekk ta’ pensjoni ghal Invalidita`, ir-rapport previdenzjali bejn il-kontribwent u d-Dipartiment ghandu kollegament ma’ l-ezistenza tar-rapport anterjuri tax-xoghol li kellu l-kontribwent, sija jekk kien impjegat dipendenti, *full-time*,

jew *part-time*, sija jekk kien jahdem ghalih innifsu. Li dan ir-rapport tax-xoghol jikkostitwixxi l-presuppost ta' fatt li minghajru din ix-xorta ta' pensjoni ma tissussistix hu sew evidenti mill-kontenut ta' l-Artikolu 26 ta' l-Att. Naturalment, ir-rapport wiehed hu awtonomu mill-iehor, kemm ghar-raguni tad-differenzi tal-fonti taghhom, tal-kawza, tas-soggetti u tal-kontenut taz-zewg rapporti. Jibqa l-fatt li, fundamentalment, il-pre-ezistenza tar-rapport tax-xoghol hu rekwizit centrali rikjest mil-ligi ghall-kostituzzjoni tar-rapport previdenzjali. Dan apparti s-sodisfaciment tal-kundizzjonijiet l-ohra ghal liema l-Artikolu 26 predett jirrelata;

Fil-kaz in ezami jidher li l-presupposti kollha relattivi ghal liema jirreferi l-Artikolu 26 suddett, u allura kompriz l-istat ta' inabilita` permanenti, gew mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali accertati b'mod sodisfacenti tant li l-appellanti beda jircievi l-pensjoni relattiva ghall-Invalidita` b'effett mill-21 ta' Awissu, 1993. Gara, pero`, li xi zmien wara l-appellant offra s-servizzi tieghu lil korperattiva tal-produtturi tal-halib u lil xi kumpaniji jew entitajiet ohra ghal liema hu beda jircievi hlasijiet f'forma ta' onorarji. B'dan il-mutament tal-qaghda tieghu l-appellanti naqas li javza lid-Dipartiment koncernat, u meta dan ta' l-ahhar intebah b'din ic-cirkustanza ppretenda minghand l-appellanti r-rimbors tal-hlasijiet indebitament versati lilu ghall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar, 1998 u l-5 ta' Lulju, 2003. Dan ghar-raguni illi dawk il-hlasijiet ma kienux dovuti, attiza s-sussistenza tas-sitwazzjoni accertata ta' l-attivita` ezercitata mill-appellanti fil-pendenza tar-recezzjoni minnu tal-pensjoni *de qua*;

Premess dan, bl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jippretendi illi d-Direttur appellat mhux gustifikat f'dik id-decizjoni tieghu in kwantu hu, fiz-zmien opportun, kien informa lill-ETC b'dik l-attivita` minnu zvolta, u, gjaladarba d-Direttur ghandu access ghar-*records* ta' l-ETC, ghandu jsegwi illi dak l-avviz qisu nghata wkoll lill-appellat. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-

ispropozitu. Fir-rigward qed isiru dawn it-tliet riflessjonijiet:-

(1) Ibda biex, it-taghrif li jinghata lil ETC dwar impjiegi jew dokumenti tax-xoghol hu hekk obbligatorju u tassattiv fit-termini ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Tahrig (Kapitolu 343);

(2) F'materja ta' previdenza socjali r-rekwizit tad-dikjarazzjoni tad-dhul minn sorsi estraneji hu invece mqieghed f'rapport mal-beneficcju erogat mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali taht l-Att kostitwit mill-Kapitolu 318, u allura kien mistenni li dik id-dikjarazzjoni, hekk element kostitutiv ta' dik il-kontinwita` ghall-intitolar ta' dik l-erogazzjoni, tigi komunikata lil dan id-Dipartiment. Dan, wara kollox, kien jikkostitwixxi dik l-obbligazzjoni ghal liema ssottolinea l-appellanti nnifsu bl-applikazzjoni originarja tieghu tas-16 ta' Awissu, 1993;

(3) Jikkonsegwi illi kien doveruz u kondizzjonali fuq l-appellanti illi l-komunikazzjoni minnu ssir lid-Dipartiment okkorrenti (f'dan il-kaz, dak tas-Sigurta` Socjali) u mhux lil xi dipartiment jew soggett divers li ma kellhom ebda attinenza, kollegament jew riferiment ma' min, skond il-ligi, kellu jirceviha. It-taghrif moghti lill-ETC ma seta' qatt jitqies sufficjenti biex jikkolma l-lakuna riskontrata tan-nuqqas ta' komunikazzjoni lid-direttur appellat. Lanqas ma jista' jkun, imbaghad, pretiz illi d-dikjarazzjoni moghtija lil dipartiment iehor ghall-fini tal-ligi opportuna kellha tigi diligentement skoperta mid-direttur appellat b'access fir-*records* ta' l-ETC, meta l-inkombenza tal-komunikazzjoni taghha kienet minn dejjem fuq il-kontribwent beneficjarju;

Minn dan kollu titnissel il-konsegwenza illi c-cirkostanzi fattwali stabbiliti kienu tali li jiggustifikaw l-evalwazzjoni maghmula mid-direttur u akkolta mill-Arbitru. Dan anke fir-rigward tad-determinazzjoni tal-perijdou li fih jinghad li l-appellanti rceva ghal attivitajiet tieghu r-retribuzzjonijiet minghand it-terzi u li wasslu biex ipprovokaw minghandu r-rimbors ta' dak li rceva fi previdenza. Prova din taz-

zmien li mill-atti ma jidherx li giet ikkuntestata. Anke allura t-tieni ilment, bhall-ewwel wiehed, qed jitqies insostenibbli;

Kwantu ghat-tielet ilment din il-Qorti sincerament ma tistax tifhem il-htiega tas-sottomissjoni dwaru. L-appellant jillimita ruhu biex jirriproduci l-kontenut ta' l-Artikolu 102 pero` ma jzid xejn aktar minn hekk. L-ebda spjegazzjoni li minimament turi fejn l-Arbitru kienet zbaljata. F'kull kaz, dan id-dispost tal-ligi jikkoncerna biss il-modalita ta' kif ghandu jsir ir-radd lura ta' l-indebitu u mhux ghax dan, strettament, ghandu xi influwenza jew impatt fuq id-doljanzi principali sottomessi.

Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi l-Qorti tichad l-appell li bih intalab ir-revoka tad-decizjoni ta' l-Arbitru, u fis-sens premess tikkonferma l-istess decizjoni, spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------